# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum it-Tnejn, 2 ta' Diċembru, 2024**

**Kawża Nru. 9**

**Rik. Nru. 2/2023 ISB**

**Peter Axisa (K.I 0804848M)**

**Vs**

**Avukat tal-Istat, Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali għal kull interess li jista' jkollu.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** ta' **Peter Axisa** ppreżentat fit-3 ta' Jannar 2023 u li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti sabiex tiddikjara illi:

1. *Ir-rifjut tal-Kummissarju tal-Pulizija li jagħti d-dritt ta' disclosure lill-esponenti jilledi d-drittijiet fondamentali tiegħu speċifikament artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għal*

*protezzjoni tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostitutuzzjoni ta' Malta.*

2. *Jordna lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex minnufiħ, u fi żmien qasir u perentorju jgħati dan id-dritt lill-esponenti u jagħtuhom kopja tad-dokumentazzjoni kollu fil-pussess tagħhom.*

3. *Jiddikjara li l-akkużi kif formulati ma jgħatux ċ-ċertezza li trid il-liġi sabiex l-akkużat jitqiegħed f'pożizzjoni li jiddefendi lilu innifsu fil-proċeduri li ttieħdu fil-konfront tiegħu, kif inhu d-dritt fondamentali tiegħu li jagħmel.*

4. *Jordna lill-prosekuzzjoni sabiex minnfiħ u fi żmien qasir u perentorju, jikkjarifika il-kliem tal-akkużi kollha, ċioe l-ħames akkużi, u jiddikjara għall-liema snin qiegħed jirreferi.*

5. *Jagħti dawn il-miżuri u rimedji kollha li l-Qorti jidhrillha opportun fiċ-ċirkustanzi inkluz miżuri interim li jirrizultaw neċessarji.*

U dan wara illi ppermetta:

*Illi fl- 1 ta' Novembru 2022, l-esponenti rċieva n-notifika ta' proċeduri, akkużi istitwiti kontra tiegħu fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, proċeduri istitwiti mill-Pulizija fuq direzzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali, wara sfida magħmula lil Kummissarju tal-Pulizija minn terza persuna, Keith Said;*

*Illi fis-16 ta' Novembru 2022, ir-rikorrenti, li sa dakinhar ma kellux l-iċken ħjiel tal-proċeduri tal-isfida kontra l-Kummissarju, sfida*

*sabiex jittieħdu proċeduri fil-konfront tiegħu, talab lit-taqsima tal-Pulizija li kienet ppproċediet quddiem il-Qorti bl-akkużi kontra tiegħu, ċioe l-Financial Crime Investigation Department,(FCID) li jingħata d-dritt tad-disclosure a tenur tal-artikolu 534 A F sub inċiż (2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Illi in segwitu għal dan l-iskambju ta' emajls, il-Pulizija rrifjutaw jagħtu d-disclosure (**Dok PA1**) u ddikjaraw the disclosure is given during the arrest, before questioning that is not the case. Huma għaddew kopja tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell deċiża fil- 11 ta' Jannar 2022 li permezz tal-istess, il-Pulizija ġew ordnati jipproċedu kontra Peter Axisa;*

*Illi sussegwentament ir-rikorrent reġa kiteb u ċċita lil FCID l-artikolu tal-liġi, li bl-aktar mod ċar jistipola li persuna suspettata jew l-akkużat għandu dan id-dritt (**Dok PA 2**), biss xorta waħda dan id-dritt ma ngħatax lil akkużat;*

*Huwa importanti li jingħad li l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-esponent huma kollha bbażati fuq dokumentazzjoni/ inkartament ta' madwar għaxar (10) snin ilu u jew aktar;*

*Illi l-esponent għandu dritt li jkun infurmat dwar dak kollu, statements u/jew dokumenti, li għalihom qiegħdin jirreferu l-Pulizija u dan sabiex ikun jista jipprepara d-difiża tiegħu u ma jippreġudikax il-pożizzjoni tiegħu, kif ukoll sabiex jitħares id-dritt tiegħu għall-smigħ xieraq;*

*Illi di piu' l-akkużi kif tressqu fil-konfront tar-rikorrenti huma vagi u ma jagħtux iċ-ċertezza rikjesta sabiex l-akkużat jitpoġġa f'pożizzjoni jipprepara u jiddefendi lilu nnifsu kif inhuwa d-dritt fondamentali tiegħu, (certainty of Law). Fil-fatt, l-akkużi fil-konfront tiegħu jgħidu li:*

*F'isem ir-Republika ta' Malta, nakkużawħ talli fix-xahar ta' Jannar 2022 <u>u fis-snin ta' qabel din id-data .....</u>*

*(1) allegatament għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem,*

*(2) tali fl-istess żmien (sal-lum ir-rikorrent ma jafx dwar liema żmien il-Pulizija qiegħdin jirreferu għailha) lok u ċirkostanzi, għamel falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista tagħmel ħsara lil xi persuna jew iġġib utli,*

*(3) talli fl-istess żmien lok u ċirkostanzi, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu, xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta' tagħrif falz,*

*(4) talli fl-istess żmien lok u ċirkostanzi, bil-ħsieb li jwettaq frodi b'għemiel qarrieqi, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u li taw bidu għall-eżekuzzjoni tar-reat ta' frodi b'għemil qarrieqi, fejn b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz,*

*(5) talli fl-istess żmien lok u ċirkostanzi għamel qligħ ieħor b'qerq, bi ħsara ta' aktar minn ħamest elef ewro a detriment ta' Keith Said u/jew persuni oħra;*

*Illi fl-ewwel seduta quddiem il-Qorti Istruttorja, fl-ewwel okkażżjoni li kellu l-esponenti, huwa ġab għall-attenzjoni tal-istess Qorti Istruttorja dawn il-fatti, l-konsulent legali tiegħu vverbalizżahom u talab lill-Qorti tagħti d-digrieti neċessarji sabiex il-proċeduri jimxu f' qafas fejn id-drittijiet fondamentali tal-akkuzat jiġu mħarsa, ma jiġux leżi u jkun jista' jiddefendi lilu nnifsu, jirregola ruħhu kif trid il-liġi u l-aktar importanti jkun jista' jresssaq l-eċċezzjonijiet/ osservazzjonijiet opportuni a tempo vergine;*

*Illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ma laqgħetx it-talbiet tal-esponenti u ordnat il-proċediment tal-proċeduri; (**Dok PA3**)*

*Illi waqt l-ewwel smiegħ ġew eżebiti l-atti tal-isfida quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali mir-Registratur tal-Qorti Kriminali u xhed l-isfidant Keith Said;*

*Illi filwaqt li kien evidenti li x-xhud ma kienx konsistenti fix-xhieda tiegħu, in-nuqqas ta disclosure kien ġja qed tħalli l-effetti tagħha fuq il-kapaċita tal-akkużat li jiddefendi lilu nnifsu, senjatament peress li hu ġie rinfaċċat b'ħames akkużi, rigwardanti allegat reati li seħħew aktar jew madwar għaxar (10) snin qabel. In-nuqqas ta' għarfien fisser, in-nuqqas ta' kapaċita' li jġib għall-attenzjoni tal-Qorti Istruttorja, li kellha tiddeċiedi fuq il-prima facie, liema akkużi ma setgħu qatt jiffurmaw parti minn akkużi li kellu jirrispondi għalihom wara li Qorti tikkunsidra l-provi fuq livel prima facie;*

*Illi fl-umli oppinjoni tal-esponenti, l-akkuża kif formulata saret hekk bi skop malinn, li l-Qorti, rinfaċċata mingħajr oppożizzjoni/ sottomissjonijiet fis-sostantiv, ma tqiegħditx f'pożizzjoni tikkunsidra, kif kellha l-obbligu li tagħmel, jekk kienx hemm każ li għalih kellu jirrispondi l-esponenti, ordnat li Prima Facie kien hemm akkużi li għalihom kellu jirrispondi l-esponenti u rrinvjat l-atti lill-Avukat Ġenerali;*

*Illi n-nuqqas ta' disclosure ġja rrizulta fi u ser jibqa' jipperpetwa, f'inġustizzja u leżjoni tad-drittijiet fondamentali tal-esponenti matul il-perkors tal-Istruttorja. Ser jċaħħad lill akkuzat milli jindirizza l-akkuzi kif l-aħjar li jista u kif għandu dritt fondamentali jgħamel u dan speċifikament għaliex din il-kawża wara dawn is-snin kollha, hija bbażata essenzjalment fuq dokumentazzjoni;*

Rat id-dokumenti ppreżentati mar-rikors (fol 5 sa fol 9);

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta' Jannar 2023 u li permezz tiegħu l-kawża ġiet appuntata għas-17 ta' Frar 2023 f'11:45a.m.;

Rat ir-rikors tar-rikorrent intavolat fis-17 ta' Jannar 2023 (fol 11) li permezz tiegħu talab li bħala miżura provviżorja li l-proċeduri fl-ismijiet **Il-Pulizija (Supt James Grech) vs Peter Axisa** jieqfu sakemm jiġu finalment deċiżi l-proċeduri odjerni;

Rat ir-**risposta** tal-intimati l-**Avukat tal-Istat**, **Kummissarju tal-Pulizija** u l-**Avukat Ġenerali** intavolata fis-26 ta' Jannar 2023 (fol 16) li permezz tagħha eċċeppew:

1. *Illi permezz tar-rikors promotur, ir-rikorrent qiegħed jallega li l-allegat rifjut tal-Kummissarju tal-Pulizija li jagħtih disclosure wassal għal ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Ulterjorment jitlob għal diversi dikjarazzjonijiet minn din l-Onorabbli Qorti u għal rimedji biex isewwu l-allegata leżjoni.*

2. *Illi preliminarjament, ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija mhumiex il-leġittimi kontraditturi f'dawn il-proċeduri u* ***għalhekk għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju****.*

3. *Illi qabel ma jiġi indirizzat l-ilment fil-mertu, għandha tiġi indirizzata l-ħames (5) talba tar-rikorrent peress li permezz tagħha, ir-rikorrent qiegħed jitlob il-ħruġ ta'* ***miżura provviżorja****. L-esponenti qegħdin jopponu għall-ħruġ ta' rimedju provviżorju u qegħdin jagħmlu s-segwenti kunsiderazzjonijiet.*

   *Illi fuq l-iskorta tal-insenjament tal-ġurisprudenza tal-Qrati nostrana, jinkombi fur ir-rikorrent li juri:*

   i. *li għandu dritt prima facie li nkiser; u*

*ii. li ser tiġi kkaġunata ħsara rrimedjabbli f'każ li ma tinħariġx il-miżura provviżorja.*

*Dawn iż-żewġ rekwiżiti huma* ***kumulattivi*** *u mhux alternattivi bil-konsegwenza li għandhom jiġu sodisfatti t-tnejn li huma sabiex it-talba tar-rikorrent tiġi milqugħa inn din l-Onorabbli Qorti.*

*Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrent imkien ma fisser x'inhu d-dritt prima facie tiegħu. L-esponenti jirrilevaw li l-miżura provviżorja qiegħda tintalab f'kuntest ta' kawża kostituzzjonali li r-rikorrenti istitwixxa fejn qiegħed jallega ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Tali talba hija eċċezzjonnali u tintuża biss jekk hemm kwistjonijiet li jinvolvu allegazzjoni ta' leżjoni tad-dritt tal-ħajja kif protett bl-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni, jew ta' tortura kif protett bl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni. Ċertament li f'dan il-kuntest ma jirriżulta xejn minn dan u t-tkomplija tas-smigħ tal-kawża kriminali fil-konfront tar-rikorrent ċertament mhux ser jissarraf fi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Fuq kollox, ir-rikorrent ma weriex x'ser tkun il-ħsara rrimedjabbli li tiġġustifika l-ħruġ ta' miżura provviżorja.*

*Bħala prinċipju ta' dritt, l-għoti ta' rimedju provviżorju m'għandiex tkun ir-regola kull meta jkun hemm allegazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, tkun xi tkun. Pjuttost bil-kontra, rimedji provviżorji għandhom jingħataw* ***biss*** *f'każijiet estremi u eċċezzjonali. Hekk per eżempju, l-awtriċi* ***Karen Reid*** *fil-ktieb tagħha,* ***A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights*** *tgħid:*

*"As a general practice, (interim) measures are applied only when there is an apparent real and imminent risk of irreparable*

*harm to life and limb (cases under article 2 and 3) … Matters of detention or interference with property, for example are not regarded as necessating interim measures."*

*Dan il-prinċipju huwa mħaddan sew fil-ġurisprudenza tagħna. Hekk per eżempju fil-provvediment mogħti fl-ismijiet* ***Angelo Frank Paul Spiteri vs. L-Avukat Ġenerali****,*[1] *il-Qorti Kostituzzjonali osservat:*

*"li f'materja tal-hekk imsejħa interim measures huwa ċar l-insenjament ta' din il-Qorti li tali miżuri għandhom jittieħdu biss f'każijiet ta' urġenza u saħansitra f'każijiet ta' "urġenza estrema" fejn in-nuqqas ta' teħid ta' tali miżuri jirriżulta, jew jazzarda li jirriżulta, fi ħsara irreparabbli għall-interessi vitali tal-parti konċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jeħtiġilha tagħmel. (Ara Q. Kost.* ***Joseph Camilleri v. Avukat Ġenerali****, 1/7/2013, li ċċitat b'approvazzjoni mill-ktieb "****Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" ta' Van Dijk et*** *(4 ediz. 2006, paġna 113)). Din il-Qorti rriteniet ukoll li miżuri ad interim huma indikati f'każijiet eċċezzjonali. (Ara Q. Kost.* ***Joseph Ruggier et v. Joseph Olivier Ruggier et****, 22/8/2005 #7, #11 [Q.Kost.* ***Federation of Estate Agents v. Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni)****, deċiża 25 ta' Settembru 2014]"*

*Huwa paċifiku li sabiex jingħata rimedju provviżorju, irid jintwera li hemm riskju* ***imminenti u reali*** *fuq il-persuna li tkun qed titolbu (ara inter alia* ***Edward Cassar vs. Avukat Ġenerali et*** *maqtugħa mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Frar 2016,* ***Martin Dimech vs. Avukat Ġenerali*** *mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-17 ta' Settembru 2013 u* ***Daniel Alexander Holmes vs. Avukat Ġenerali et*** *mogħtija*

[1] *Angelo Frank Paul Spiteri vs. L-Avukat Ġenerali*, Qorti Kostituzzjonali, mogħti fid-9 ta' Jannar, 2017.

*mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-16 ta'April 2014).*

*Istanzi fejn talbiet għal rimedju provviżorju ġew miċħuda jinkludu: talbiet għas-sospensjoni ta' ġuri sakemm tiġi deċiża kawża kostituzzjonali,[2] talba għas-sospensjoni ta' ordni ta' tneħħija[3] u talbiet għal skarċerazzjoni mill-ħabs sakemm jinqatgħu kawżi kostituzzjonali.[4]*

*Illi fit-12 ta' Ottubru, 2022, fil-każ ta'* ***Jomic Calleja Maatouk vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija et****, każ ieħor fejn il-bażi tal-ilment kostituzzjonali kien dwar allegat nuqqas ta' disclosure din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta ċaħdet talba għall-ħruġ ta' miżura provviżorja għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija.*

*Magħdud dan kollu għalhekk, li hu żgur huwa li l-każ odjern assolutament mhuwiex wieħed ta' urġenza estrema. Ir-rikorrent qiegħed jaffaċċja proċeduri kriminali u wara li jinġiebu l-provi tal-prosekuzzjoni, ser ikollu kull opportunità biex jirribattihom. Ċertament ma hu f'ebda riskju ta' ħsara rreparabbli għall-persuna tiegħu b'dawn il-proċeduri, u għalhekk il-ħruġ ta' miżura provviżorja mhiex opportuna.*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u* ***fil-mertu****, huwa paċifiku li f'analiżi ta' allegata leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq, wieħed għandu jqis il-proċeduri fit-totalità tagħhom u mhux aspett partikolari f'iżolament. Fil-kawża* ***Ibrahim et vs. Ir-Renju Unit***[5] *ġie ritentut:*

---

[2] Ara *Joseph Camilleri vs. Avukat Ġenerali*, Qorti Kostituzzjonali, mogħti fl-1 ta' Lulju, 2013 u *Rosario sive Sario Sultana vs. Avukat Ġenerali et*, Qorti Kostituzzjonali mogħti fis-27 ta' Frar, 2017.
[3] Ara *Stephen Nana Owusu vs. Kummissarju tal-Pulizija bħala Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni et*, Qorti Kostituzzjonali, mogħti fit-13 ta' April, 2018.
[4] Ara *Daniel Alexander Holmes vs. Avukat Ġenerali et*, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), mogħti fis-16 ta' April, 2014, *Trevor Bonnici vs. L-Avukat Ġenerali*, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), mogħti fit-30 ta' Mejju, 2016, u *Raymond Mifsud vs. L-Avukat Ġenerali et*, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali, mogħti fis-7 ta' Awwissu, 2017.
[5] Ibrahim et vs. Ir-Renju Unit [50541/08 50571/08 50573/08 40351/09], Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, 13 ta' Settembru, 2016.

*"250. The right to a fair trial under Article 6 § 1 is an unqualified right.* ***However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case*** *(see O'Halloran and Francis v. the United Kingdom [GC], nos. 15809/02 and 25624/02, § 53, ECHR 2007-III). The Court's primary concern under Article 6 § 1 is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings (see, among many other authorities, Taxquet v. Belgium [GC], no. 926/05, § 84, ECHR 2010; and Schatschaschwili v. Germany [GC], no. 9154/10, § 101, ECHR 2015).*

*251. Compliance with the requirements of a fair trial* ***must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident, although it cannot be excluded that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings*** *(see Can v. Austria, no. 9300/81, Commission's report of 12 July 1984, § 48, Series A no. 96). In evaluating the overall fairness of the proceedings, the Court will take into account, if appropriate, the minimum rights listed in Article 6 § 3, which exemplify the requirements of a fair trial in respect of typical procedural situations which arise in criminal cases. They can be viewed, therefore, as specific aspects of the concept of a fair trial in criminal proceedings in Article 6 § 1 (see, for example, Salduz, cited above, § 50; Gäfgen v. Germany [GC], no. 22978/05, § 169, ECHR 2010; Dvorski, cited above, § 76; and Schatschaschwili, cited above, § 100).* ***However, those minimum rights are not aims in themselves: their intrinsic aim is always to contribute to***

***ensuring the fairness of the criminal proceedings as a whole*** *(see Can, cited above, § 48; Mayzit v. Russia, no. 63378/00, § 77, 20 January 2005; and Seleznev v. Russia, no. 15591/03, § 67, 26 June 2008)." [Enfasi tal-esponenti]*

5. *Illi fil-każ odjern, ir-rikorrent qiegħed jilmenta li minħabba l-allegat nuqqas ta' discosure, huwa sofra ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq. Fl-umli fehma tal-esponenti iżda, fid-dawl tal-ġurisprudenza surrferita, l-azzjoni kostituzzjonali li ressaq ir-rikorrent hi waħda prematura. S'issa għadu mhux magħruf jekk, kif u taħt liema ċirkostanzi r-rikorrent ser ikun żvantaġġjat waqt is-smigħ tal-proċeduri kriminali. Għaldaqstant, din l-Onorabbli Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha ai termini tal-provisos* ***Artikolu 46(2)*** *tal-Kostituzzjoni u l-***Artikolu 4(2)*** *tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta.*

6. *Illi apparti minn hekk bħala stat ta' fatt, sostantivament ma hemm ebda kwistjoni ta' disclosure. Fl-ewwel seduta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fit-30 ta' Novembru, 2022, ġie esebit vera-kopja tal-proċeduri tal-isfida fl-ismijiet* ***Keith Said vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija****. Dan il-proċess għandu kollox li kien fil-pussess tal-Pulizija. Illi l-Artikolu li jiċċita r-rikorrenti u cioè l-Artikolu 534AF tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jittratta aċċess għall-materjal li tikkwalifika bħala evidenza materjali lill-persuna sabiex tkun tista' tħejji d-difiża tagħha. Illi mill-atti proċesswali tal-kawża kriminali jirriżulta li r-rikorrent ma tressaqx b'arrest izda permezz ta' ċitazzjoni fejn allura ċertament l-artikolu 534AF(1) ma japplikax peress li dan is-subartikolu jipprovdi għall-access għad-dokumenti lill-persuna li tiġi arrestata jew detenuta. Illi is-subinċiż (2) imbaghad jitratta aċċess għall-evidenza materjali sabiex il-persuna suspettata jew akkużata tħejji d-difiża tagħha: mill-atti proċesswali jirriżulta li d-*

*dokumentazzjoni kollha ġiet esebita mill-Pulizija u li r-rikorrent ghandu aċċess għal tali dokumentazzjoni sabiex iħejji d-difiża tiegħu. Illi mill-verbal esebit mar-rikors promotur jirriżulta li dan l-inkartament ġie esebit fit-30 ta' Novembru, 2022 u r-rikorrent kellu żgur sal-4 ta' Jannar, 2023 sabiex jezamina dan l-inkartament sabiex ikompli jħejji d-difiża tiegħu. Għandu jingħad ukoll li l-kawża ġiet differita għall-kontinwazzjoni tal-provi tal-Prosekuzzjoni u għalhekk, aktar u aktar ir-rikorrent ma ġarrab ebda preġudizzju billi ngħata aktar żmien biex jevalwa l-provi miġjuba u jkompli jipprepara d-difiża tiegħu.*

7. *Illi magħdud mal-premess, l-allegazzjoni tar-rikorrent li ma jistax jirribatti l-imputazzjonijiet miġjuba kontrih hi għal kollox infondata. Iċ-ċitazzjoni li rċieva spjegatalu b'xiex hu akkużat u apparti minn hekk, id-dokumentazzjoni esebita u x-xhieda mogħtija fl-ewwel seduta ssostanzjaw aktar dak li allegatament seħħ.*

   *Filfatt, l-esponenti ma jistgħux ma josservawx li l-avukat difensur tar-rikorrent immedjatament beda bil-kontro-eżami tax-xhud prinċipali Keith Said f'dik l-ewwel seduta u allura l-allegazzjoni li r-rikorrent assolutament ma kienx jaf kif ser jilqa' għall-imputazzjonijiet miġjuba kontrih jew li ma hemmx ċertezza dwar x'inhuma l-imputazzjonijiet hi waħda frivola.*

   *Apparti minn hekk, irrispettivament minn x'sar jew ma sarx waqt u qabel l-ewwel seduta, matul il-proċess kriminali r-rikorrent ser ikollu kull opportunità biex jikkontrolla, jirribatti u jikkontesta dak li ġie allegat fil-konfront tiegħu.*

8. *Illi l-argumenti tar-rikorrent dwar id-digriet prima facie mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja huma għal kollox gratuwiti. L-ewwelnett, għandu jingħad l-ovvju li*

*digriet tal-prima facie ma jikkostitwix determinazzjoni ta' akkuża.*

*Fit-tieninett, huwa paċifiku li l-livell ta' prova rikjesta għal digriet prima facie huwa wieħed baxx ħafna. Kif irriteniet il-Qorti Kriminali fis-sentenza ta'* ***Anthony Xuereb vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija****:*[6] *"Fil-kaz ta' kumpilazzjoni, l-Maġistrat ma joqgħodx jidħol fil-meritu tax-xhieda prodotta w jekk iwasslux għall-ħtija jew le, lanqas sal-grad tal-probabbli imma biss jara jekk jeżistux raġunijiet (fit-test Ingliz "grounds") sabiex jibgħat l-atti lill-Avukat Ġenerali għall-konsiderazzjoni ulterjuri tiegħu."*

*Fil-każ odjern, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ddeċidiet, wara li semgħet u rat il-provi miġjuba f'dik l-ewwel seduta u wara li semgħet lill-partijiet jittrattaw, li prima facie kien hemm raġunijiet biżżejjed li jiġġustifikaw li l-każ jipproċedi.*

*Għalhekk, il-fatt li ngħata digriet prima facie li ordna li l-każ kontra r-rikorrent jitkompla ma hu xejn straordinarju u ċertament ma jissarrafx fi ksur tad-dritt għal smigħ xieraq.*

*9. Illi meqjus kollox għalhekk, ir-rikorrent ma ġarrabx u mhuwiex ser iġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq u għalhekk it-talbiet tiegħu għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom. Ulterjorment, l-esponenti huma tal-fehma li l-ilment kostituzzjonali mressaq mir-rikorrent huwa sempliċiment fieragħ u vessatorju u għaldaqstant, din l-Onorabbli Qorti għandha tiddikjarah bħala tali.*

*10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

[6] Anthony Xuereb vs. Il-Kummissarju tal-Pulizija, Qorti Kriminali, 23 ta' Settembru, 2010

Rat ir-risposta tal-intimati, intavolata fis-27 ta’ Jannar 2023 (fol 21) għar-rikors intavolat mir-rikorrent tas-17 ta’ Jannar 2023, li permezz tagħha oġġezzjonaw għat-talba tar-rikorrent.

Rat id-Digriet tagħha mogħti fl-udjenza tat-30 ta’ Jannar 2023 u li permezz tiegħu kien ġie deċiż hekk:

> ***Hadet konjizzjoni tal-Art. 534 AF (2), u tiddikkjara illi dan id-digriet huwa wiehed ghal rimedju provvizorju u b' ebda mod ma ghandu jigi nterpretat, moqri jew imfisser bhala tali illi l-Qorti qed tesprimi ruhha dwar il-mertu tal-vertenza.***
>
> 1. ***Tastjeni milli tesprimi ruhha dwar l-ewwel talba stante illi r-rikors qed jigi degretat illum stess.***
> 2. ***Tordna illi fl-udjenza tal-15 ta' Frar, 2023 fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs Peter Axisa pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati Malta bhala Qorti Istruttorja, jixhed l-ufficcjal prosekutur sabiex jiddikkjara b'mod car jekk kemm il-darba d-dikjarazzjoni minnhu maghmula fil-verbal tat-30 ta' Novembru, 2022 u cioe "u dak kollu li ghandha l-prosekuzzjoni se jkun accessibbli ghad-difiza" ghandux jikkonfermaha bil-gurament tieghu jew f' kaz u fl-ipotezi illi hemm dokumentazzjoni ohra li l-prosekuzzjoni jidhrilha li ghandha tezebixxi in linea mal-provvediment l-Art. 534 AF (2) tal-Kap. 9, allura ghandha taghmel dan f'din l-udjenza u dan inkluz minn kwalsiasi dokument mhux lanqas jekk jezistu statements ta' xi parti jew ohra moghtija fil-kors ta' l-investigazzjoni, relattivi u relevanti ghall-proceduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati.***
>
> 3. ***Tastjeni milli tipprovdi dwar it-tielet talba b'dan pero’ illi tordna illi kopja ta' dan id-digriet jintbaghat minnhufih lill-Kummissarju tal-Pulizija u lis-Supretendent James Grech (FCID) u tordna wkoll li kopja ta' dan id-digriet jigi nserit fl-***

***atti tal-proceduri msemmija u li jgibu n-numru 271/22 differit ghall-15 ta' Frar, 2023***

Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2023, ir-rikorrenti iddikjara illi kien jonqsu biss jippreżenta affidavit tiegħu stess.

Rat in-nota tar-rikorrent **Peter Axisa**, intavolata fid-19 ta' Mejju 2023 (fol 33), li permezz tagħha ppreżenta affidavit tiegħu stess, b'dokumenti annessi (fol 34 sa fol 42);

Rat illi fl-udjenza tal-5 ta' Lulju 2023, xehdet **Stefania Calafato Testa għar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali** u ppreżentat kopja ta' proċess li jinsab quddiem il-Qorti Kriminali (Dok SCT1, fol 46 sa fol 356), kif ukoll is-**Supretendent James Grech**, ilkoll prodotti mill-intimati. Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensur tal-intimati li ma kellux aktar provi x'jipproduċi.

Rat illi fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2024 sar il-kontro-ezami tas-Supretendent James Grech u sussegwentament id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jipproduċu.

Rat illi fl-udjenza tat-12 ta' Ġunju 2024, wara li d-difensuri tal-partijiet trattaw il-kawża, il-partijiet qablu li l-kawża setgħet titħalla għal-lum għad-deċiżjoni.

## Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **fatti**:

Fl-affidavit tiegħu, ir-rikorrent **Peter Axisa** jgħid li hu fetaħ il-proċeduri odjerni stante li ma ngħatax l-informazzjoni li kellu bżonn u li kienu dritt tiegħu sabiex ikun jista jilqa' għall-akkużi tal-Pulizija fil-konfront tiegħu.

Jispjega li l-Pulizija kienu kellmuh madwar ħames (5) snin ilu fuq Ta' Qali Producers Group (TQPG) u TQPC u hu għamel stqarrija li sakemm intavola dawn il-proċeduri kopja tagħha ma kellux. Jgħid li jiftakar li hu kien ġie mitlub mill-Pulizija sabiex jispjega l-irwol tiegħu f'TQPG u minn dakinhar qatt ma

reġa' sema' dwar dan u lanqas ma kellu kopja tal-istqarrija li għamel lill-Pulizija.

Isostni li f'Novembru tas-sena 2022, huwa kien irċieva d-dar karti b'numru ta' akkużi fil-konfront tiegħu u meta tkellem mal-Avukat tiegħu, dan qatt ma kien sema' dwar Keith Said. Jgħid li hu pprova jagħtih id-dettalji kollha li kien jaf iżda ma setax jiftakar kollox u għalhekk talab *disclosure* tal-file tal-Pulizija u dan permezz l-Avukat tiegħu.

Jgħid li l-informazzjoni li ngħata kienet li ladarba kienu nħarġu l-akkużi ma kellux dritt għal *disclosure*. Jispjega li wara li l-Avukat tiegħu baqa' jinsisti ingħata biss kopja ta' sentenza mogħtija mill-Imħallef Consuelo Scerri Herrera li riżultat tagħha kienu bdew il-proċeduri fil-konfront tiegħu.

Jispjega li meta deher l-ewwel darba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja kif preseduta mill-Maġistrat Ian Farrugia, il-Pulizija baqgħet tinsisti li dak li kellu dritt għalih ir-rikorrent kien kontenut fil-proċeduri li saru quddiem l-Imħallef Scerri Herrera. Jgħid li meta dawn ġew esebiti rriżulta li ċertu affarijiet u *statements* kienu neqsin minn dak ippreżentat. Jissottometti li f'dan ir-rigward il-Qorti Istruttorja ma setgħat tagħti ebda rimedju u kien għalhekk li saru l-proċeduri odjerni.

Jgħid li f'xhieda quddiem l-istess Qorti, is-Supretendent James Grech, fuq ordni ta' din il-Qorti kien esebixxa numru ta' dokumenti u kkonferma li ma kienx esebixxa l-istatements kollha għaliex ma kienux rilevanti u ma kinux ser jintużaw mill-Pulizija. Jispjega li fuq insistenza tal-Avukat tiegħu ġew esebiti dokumenti oħra.

Isostni li n-nuqqas ta' *disclosure* wasslu biex hu u l-Avukat tiegħu ma jkunux edotti minn fatti qabel ma nstemgħu ċertu xhieda u għalhekk lanqas seta' jsir l-kontro eżami opportun. Jissottometti li minkejja li llum ingħata numru ta' dokumenti, mhuwiex konvint li ngħata kollox u huwa ċar li l-Pulizija qed jiddeterminaw x'inhu d-*disclosure* li għandu jingħata.

In sostenn tax-xhieda tiegħu, ir-rikorrent ippreżenta numru ta' dokumenti, li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

Fix-xhieda tagħha **Stephania Calafato Testa in rappreżentanza tar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali** ppreżentat kopja tal-atti kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Peter Axisa** li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

Fix-xhieda tiegħu, is-**Supretendent James Grech** jgħid li hu jaħdem fl-*economic crime squad* CID u ilu jagħmel dan minn Ottubru 2020. Jgħid li l-istqarrija tar-rikorrent ittieħdet fis-16 ta' Mejju 2016. Jispjega li din saret meta kien għad m'hemmx id-dritt li l-Avukat ikun preżenti għall-istqarrija iżda kien hemm id-dritt li r-rikorrent jikkonsulta avukat li f'dan il-każ hekk kien għamel. Jgħid li l-istqarrija ttieħdet minn dak iż-żmien Spettur Ivan Farrugia. Jispjega li kull dokument jiġi ffirmat minn dak li jkun li jingħata wkoll oriġinali tal-istess.

Mistoqsi x'kien ġie esebit wara li l-Qorti tat digriet fil-15 ta' Frar 2023 li jiġi esebit kwalunkwe document, huwa jgħid li ġew esebiti l-istatement tar-rikorrent u d-dikjarazzjoni tal-istess. Jgħid li ngħata wkoll kopja ta' dokumenti li ġew ippreżentati lill-pulizija waqt *interview* ta' Keith Said li huwa l-kwerelant. Jgħid li hu kellu l-fajl u fl-ebda ħin ma kien qed jinpika li ma jridx jagħtih xi dokument. Jispjega li d-dokumenti kienu kollha dokumenti tiegħu stess.

Jispjega li kull persuna akkużata għandha dritt għal kull dokument li dik il-persuna tkun ħa jiġi mistoqsija dwaru, jitressaq dwarha jew li għandu jkun jaf biha, kemm favur u kemm kontra. Jikkjarifika li f'dan il-każ il-Maġistrat Nadine Sant kien tat deċiżjoni li r-rikorrent kellhom jinħarġu *charges* ta' misappropprazzjoni fil-konfront tiegħu, liema deċiżjoni ġiet *challenged* mill-kwerelant Keith Said u għalhekk telgħet quddiem l-Imħallef Consuelo Scerri Herrera li laqgħet it-talba u ordnat li joħorġu wkoll akkużi ta' frodi.

Jgħid li la darba l-imputat jiġi notifikat għandu dritt għal *disclosure*. Jispjega li l-istqarrija jista' jkun li kienet nieqsa minn dawn il-proċeduri stante li hemm deċiżjoni minn naħa tal-Avukat Ġenerali li ma jinkludix stqarrijiet ta' qabel inbidlet il-liġi minħabba li xorta waħda kienu qed jiġu sfilzati.

Mistoqsi dwar l-istqarrija ta' Joseph Mary Farrugia jgħid li dan kieku kien ikun ko-imputat, iżda miet u għalhekk ladarba ma jistax jinġieb jixhed, l-istqarrija ma tistax tkun parti mill-provi. Jispjega li meta kien quddiem il-Maġistrat Ian Farrugia spjega dan u l-Maġistrat talab li tiġi ppreżentata xorta. Jemfasizza li l-unika raġuni li ma kinitx ippreżenta kienet li ma kinitx ser tintuża bħala prova. Jgħid li stqarrija mhix prova għax ix-xhieda tinstema' waqt il-każ u jekk kemm -il darba jagħżel li tintuża imbagħad jgħaddi l-kopja tagħha lid-difiża. Jgħid li jekk tinħareġ prova li ma kinitx parti mid-*disclosure*, id-difiża tista' mbagħad titlob l-isfilz tagħha.

In kontro-eżami, huwa jikkonferma li d-*disclosure* ġiet mitluba lilu mill-Avukat tar-rikorrent qabel l-ewwel seduta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja. Jgħid li hu m'oġġezzjonax għat-talba iżda għadda s-sentenza bid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell li ddeċidiet l-akkużi li kellhom joħorġu fil-konfront tar-rikorrent. Jispjega li s-sentenza kien fiha ħafna aktar informazzjoni milli kien fih il-fajl tal-pulizija. Isostni li kien hemm dokumentazzjoni illi ppreżenta l-allegat vitma li kienu jikkonsistu f'dokumenti li saru bejn il-kwerelant u r-rikorrent u b'hekk wieħed seta' jissoponi li kien diġa' fil-pussess tiegħu.

Jikkonferma li fid-*disclosure* jingħata dak li jista' jiġi ppreżentat bħala prova. Jikkonferma li llum kull materjal li kellha l-Pulizija ġiet mgħoddija lir-rikorrent.

### Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi mit-**trattazzjoni** tal-partijiet il-Qorti tislet is-segwenti:

Ir-**rikorrent** min-naħa tiegħu jgħid li dawn il-proċeduri jittrattaw id-dritt ta' *disclosure* ai termini tal-artikolu 534A(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħti dritt ta' aċċess lil persuna akkużata għal dik l-evidenza materjali li jkollha f'idejha l-prosekuzzjoni. Jispjega li fl-1 ta' Novembru 2022, ir-rikorrent ġie notifikat bi proċeduri kriminali kontra tiegħu, u d-dritt ta' disclosure ġie lilu miċħud u sussegwentament il-kwistjoni tqajjmet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istuttorja u l-istess Qorti ma setgħatx tagħti r-rimedju meħtieġ u għalhekk ġew intavolati l-proċeduri odjerni. Isostni li d-*disclosure* ngħata biss wara digriet ta' din il-Qorti.

Isostni li d-dritt għad-*disclosure* m'għandux ikun soġġett għad-diskrezzjoni tal-prosekuzzjoni u dana stante li l-prosekuzzjoni ma tistax tkun hi li tevalwa l-fajl u tara hi x'għandha tagħti lill-akkużat. Jgħid li d-dritt tad-*disclosure* huwa dritt li l-akkużat jew suspettat jingħata dik l-evidenza kollha materjali li hemm fil-fajl u għalhekk ma tistax tkun soġġetta għad-diskrezzjoni ta' uffiċjal tal-Pulizija. Isostni li ma hemmx il-bżonn li l-akkużat jgħaddi mill-proċess li jintavola l-proċeduri odjerni biex jingħata dak li għandu dritt għalih.

Oltre' minn hekk, jgħid li dan wassal sabiex ir-rikorrent ma kienx f'pożizzjoni li jippreżenta l-argumenti u joġġezzjona għal *prima facie* li sar fl-ewwel seduta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

Jirreferi għad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Rovers and Davis vs United Kingdom** u **Natumen vs Finland** fejn l-istess Qorti qalet li d-difiża għandha dritt għall-evidenza kollha kemm dik li hi favur u kemm dik li kontra l-akkużat. Jikkontendi li l-prosekuzzjoni ġawdiet minn vantaġġ proċedurali li kiser il-prinċipju ta' *equality of arms* u b'hekk ir-rikorrent għandu jingħata r-rimedju opportun.

Da parti tagħhom, l-**intimati** jibdew billi jirreferu għal ġurispurdenza stabbilita li meta Qorti tiġi għall-analiżi tal-jedd ta' smiegħ xieraq din trid tara l-proċeduri in kwistjoni fit-totalita' tagħhom. B'referenza għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Tyronne Fenech and others vs Malta** deċiża fil-5 ta' Jannar 2016, isostnu li wieħed ma jistax jintavola proċedura kostituzzjonali dwar il-jedd ta' smiegħ xieraq fi stadju meta l-proċeduri għadhom mhux kompleti u dana stante li jekk kemm-il darba wieħed jiġi liberat ma jkollux il-*victim status*. F'dan il-każ, jgħid li l-kawża saret wara l-ewwel dehra u għalhekk ċertament li hija manifestament prematura.

Fir-rigward tad-*disclosure* jispjega li l-konvenzjoni u l-kostituzzjoni ma jirreferux għal dan il-kunċett b'mod espliċitu iżda huwa kunċett fil-kuntest ħafna aktar wiesgħa ta' smiegħ xieraq u ċioe' illi d-difiża tkun tista' u għandha jedd fundamentali illi tista' tipprepara d-difiża tagħha u tkun tista' tiġġieled

kontra l-każ tal-prosekuzzjoni. Jgħidu li dan iżda jista' jiġi eżaminat fil-proċeduri fit-totalita' tagħhom u mhux f'seduta waħda u ladarba l-każ *de quo* ma kienx wieħed bi proċedura sommarja, id-difiża kellha u għad għandha l-opportunita' ġġib il-provi kollha neċessarji.

Jgħidu li l-għan tad-*disclosure* huwa wieħed u ċioe' li l-imputat ikollu quddiemu l-provi kollha li jkunu sejrin jinġiebu kontrih ħalli jkun jista' jirregola ruħu bl-aħjar mod. Isostnu li l-fatt li ngħatat l-Ordni minn din il-Qorti sabiex jiġu mgħoddija d-dokumenti kollha wassal biex juri li m'hemm xejn mistur jew ostakolat u ċertament ma kienx hemm ebda prova li tippreġudika l-każ tar-rikorrent.

Jirreferu għad-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Clayton Azzopardi** deċiża fit-13 ta' Frar 2017, id-deċiżjoni ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fl-ismijiet **Raymond Bonnici vs Avukat Ġenerali et** deċiża fid-29 ta' Marzu 2017, kif ukoll dik fl-ismijiet **Graziella Attard vs Avukat Ġenerali** deċiża fis-27 ta' Frar 2018.

Fir-rigward tas-sottomissjoni rikorrenti li r-rikorrent ma kienx f'posizzjoni li jirribatti l-*prima facie* jgħid li l-livell li trid tilħaq il-prosekuzzjoni biex jiġi sodisfatt il-*prima facie* huwa wieħed baxx ħafna u ċioe' tistabilixxi fuq bażi *prima facie* jekk hemmx każ. Isostnu li fl-ewwel seduta, il-prosekuzzjoni ġabet il-kwerelant biex jixhed. Jikkontendi li dan bl-ebda mod jew manjiera ma hija relatata mal-ħtija o meno tar-rikorrent. Il-kwistjoni ta' wieħed hux ħati jew le hija ferm iktar kumplessa u l-Qorti tasal għaliha biss wara li tkun rat il-provi kollha. Mill-banda l-oħra jgħid li huwa verament eċċezzjonali fejn il-livell *prima facie* ta' jirriżultax hemmx każ x'jiġi trattat jew le ma jintlaħaqx u b'hekk mhumiex tal-fehma li l-istqarrija tar-rikorrent u/jew l-istqarrija ta' Joseph Mary Farrugia kienet ser tbiddel dan.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi stabbiliti il-fatti u wara li l-Qorti semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet għalhekk, il-Qorti ser tgħaddi biex tiddeċiedi l-ewwel dwar l-eċċezzjoni

preliminari tal-intimati kif kontenuta fit-tieni paragrafu tar-risposta tagħhom, fejn jitolbu illi l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija  jigu liberati mill-isservanza tal-ġudizzju peress illi ma humiex il-leġittimi kontraditturi.

**<u>Eċċezzjoni li l-Kummissarju tal-Pulizija u Avukat Ġenerali mhumiex il-leġittimi kontraditturi</u>**

L-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija, permezz tat-tieni eċċezzjoni tagħhom, jsostnu li huma mhumiex il-leġittimi kontraditturi fil-proċeduri odjerni u jagħmlu referenza għall-artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Dan l-artiklu jipprovdi li l-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni.

Fil-każ odjern jirriżulta li r rikorrent qed iressaq ilment ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali fil-konfront tal-prosekuturi fil-każ kriminali kontra tiegħu. Jirriżulta li l-prosekuturi fil-każ odjern huma kemm il-Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll l-Avukat Ġenerali, u għaldaqstant il-Qorti ma taqbilx li huma mhumiex leġittimi kontraditturi fil-proċeduri odjerni.

Dan qed jingħad mingħajr ma l-Qorti qed tidħol fil-mertu tal-lanjanza f'dan l-istadju tad-deċiżjoni.

**Għaldaqstant il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-intimati.**

**Kunsiderazzjonijiet fil-mertu:**

Permezz tal-ewwel talba tiegħu, ir-rikorrent talab lil din il-Qorti tiddikjara li huwa mhux qed jiġi mogħti smiegħ xieraq bi ksur tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u dana stante r-rifjut ta' *disclosure* ai termini tal-artikolu 534AF tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-**artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni**, jipprovdi s-segwenti:

> ***39**.(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.*

L-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** jgħid testwalment hekk:

> *(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*
>
> *(2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi.*
>
> *(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:*
>
> *(a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu;*
> *(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*
> *(ċ) li jiddefendi ruħu persunalment jew permezz ta'assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;*

*(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;*
*(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti.*

Bħala fatti, jirriżulta mill-atti li r-rikorrent, tramite l-Avukat tiegħu, talab id-dritt ta' *disclosure* ai termini tal-Artikolu 524AF tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li fl-1 ta' Novembru 2022 huwa ġie notifikat bic-*charges* tal-każ *de quo* li kellu jibda' jinstema' mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Struttorja fit-30 ta' Novembru 2022. Ir-rikorrenti <u>ma tressaqx</u> b'arrest quddiem il-Qorti.

Jirriżulta li s-Supretendent James Grech, fis-16 ta' Novembru 2022, wieġeb *email* tad-difensur legali tar-rikorrent ta' dak in-nhar stess, fejn infurmaħ li d-*disclosure* jingħata waqt l-arrest qabel isiru l-mistoqsijiet u li f'dan il-każ, l-akkużi ġja kienu ppreżentati mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali in segwitu għal deċiżjoni tal-Qorti Kriminali, u annetta mal-istess *email* kopja tad-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali preseduta mill-Imħallef Consuelo Scerri Herrera fi proċeduri ta' *challenge* u li kienet wasslet sabiex jinħarġu l-akkużi fil-konfront tar-rikorrent.

Jirriżulta li sussegwentament, fl-ewwel dehra quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Struttorja, ir-rikorrent, tramite l-avukat tiegħu, ressaq l-ilment tan-nuqqas ta' *disclosure* quddiem il-Qorti u dakinhar l-prosekuzzjoni ddikjarat li d-*disclosure* kienet konsistenti fis-sentenza tal-Qorti Kriminali peress illi l-provi kienu nġabru f'dik il-proċedura, u li f'dik is-seduta kien ser jingħata l-proċess li wassal għall-istess deċiżjoni peress illi kienet tħarrket rappreżentant tal-Qorti sabiex tesebixxi l-istess proċess. Jirriżulta li r-rikorrent f'dik is-seduta stess wera n-nuqqas ta' qbil tiegħu dwar kif kienet qed tingħata l-informazzjoni. Waqt l-istess udjenza tat-30 ta' Novembru 2022, id-difiża kkontestat il-*prima facie* u l-Qorti tat digriet fejn ir-rikorrent tpoġġa taħt kap ta' akkuża.

Jirriżulta li r-rikorrent kien tal-fehma li d-dritt tad-*disclosure* tiegħu ġie lez u għalhekk intavola l-proċeduri odjerni. Wara digriet b'ordni provviżorja ta' din il-Qorti, fis-seduta tal-15 ta' Frar 2023, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, xehed is-Supretendent James Grech u ppreżenta numru ta' dokumenti u stqarr li dawn ma kienux ġew mgħoddija stante li kienu dokumenti li r-rikorrent kellu diġa' fil-pussess tiegħu. Fl-istess seduta rriżulta li kien hemm ukoll stqarrija ta' Joseph Mary Farrugia li ma kinitx ingħatat minħabba li l-istess Farrugia kien miet u għalhekk ma setax jittella' bħala xhud, iżda l-Maġistrat ta ordni li dan id-dokumenti jingħata wkoll lid-difiża.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-artikolu **534AF tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta** jgħid testwalment hekk:

> *534AF. (1) Meta persuna waqt kull stadju ta' proċeduri kriminali tiġi arrestata jew detenuta, kull dokument li jinsab fil-pussess tal-Pulizija, li hu relatat mal-każ speċifiku u li hu essenzjali sabiex issir rikuża effettiva tal-legalità tal-arrest jew tad-detenzjoni, għandu jkun disponibbli lill-persuna arrestata jew lill-avukat tagħha.*
>
> *(2) Il-persuna suspettata jew l-akkużat għandu jkollhom aċċess, mingħajr ħlas, għall-evidenza materjali kollha li tinsab fil-pussess tal-Pulizija, kemm jekk hija kontra jew favur l-imsemmijin persuna suspettata jew akkużat, jew lill-avukat tagħhom sabiex tiġi salvagwardjata proċedura ġusta u sabiex jipprepara għad-difiża tagħhom.*
>
> *(3) Mingħajr preġudizzju għas-subartikolu (1), l-aċċess għall-evidenza materjali msemmija fis-subartikolu (2) għandu jingħata fi żmien xieraq sabiex ikun hemm eżerċizzju effettiv tad-dritt għal difiża u tal-inqas għandu jingħata mas-sottomissjoni tal-merti tal-kawża. Fejn aktar evidenza materjali tiġi fil-pussess tal-Pulizija, għandu jingħata aċċess fi żmien xieraq sabiex tkun tista' tiġi*

*kkunsidrata mill-persuna suspettata jew mill-akkużat jew l-avukat tagħhom.*

*(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2) u (3) u sakemm dan ma jippreġudikax id-dritt ta' proċess kriminali ġust, wara li tinstema' l-prosekuzzjoni, qorti jew maġistrat jistgħu jirrifjutaw aċċess għal ċertu materjal jekk dan l-aċċess ikun ta' theddida serja għal ħajja jew għad-drittijiet fundamentali ta' persuna oħra jew jekk dan ir-rifjut huwa neċessarju sabiex jissalvagwardja l-interess pubbliku importanti jew fejn jista' jippreġudika l-investigazzjoni li tkun għaddejja jew is-sigurtà nazzjonali.*

Illi l-artikolu 534AF ġie introdott fil-Kodiċi Kriminali wara li saret it-trasposizzjoni fil-liġi Maltija tad-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Ewropew tat-22 ta' Mejju 2012 li titratta d-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali (Att IV tas-sena 2014). Din tipprovdi għad-dritt ta' aċċess tal-persuna akkużata għal dik l-evidenza materjali li jkollha f'idejha il-Prosekuzzjoni.

Illi dwar dan il-jedd, il-Qorti Kriminali fil-każ **Repubblika ta' Malta vs Yorgen Fenech** qalet hekk fid**-**digriet tagħha datata 9 ta' Diċembru, 2022:

*Illi l-artikolu 534AF daħal fis-seħħ fil-Kodiċi Kriminali wara li saret it-trasposizzjoni fil-liġi Maltija tad-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali u dan bis-saħħa tal Att IV tas-sena 2014. Din tirreferi għad-dritt ta' aċċess tal-persuna akkużata għal dik l-evidenza materjali li għandha f'idejha il Prosekuzzjoni. Issa għalkemm huwa il-jedd fondamentali tal-akkużat li jsir proċess ġust u li jkollu smigħ xieraq bid-dritt li huwa jiddefendi ruħu għall-akkużi serji lilu addebidati, b'dan għalhekk illi jingħata il-jedd iħejji id-difiża tiegħu fi żmien xieraq, madanakollu*

*jerġa' jiġi ribadit, illi jekk kien hemm tali nuqqas ta' aċċess għal xi evidenza materjali minn naħa tal-Prosekuzzjoni jew tal-Pulizija, dan ċertament ma jwassalx għal xi nullita' fl-Att t'Akkuża. Illi l-liġi issemmi dawk l-istanzi li iġibu fix-xejn l-Att t'Akkuża u jirrenduha nulla, kif ingħad. L-allegat nuqqas lamentat mill-akkużat f'din l-eċċezzjoni mhijiex waħda minn dawk ikkontemplati fil-liġi.* ***Il-Qorti, minn naħa l-oħra, ma tistax tagħti il-jedd lill-akkużat li jembarka ruħu fuq xi tip ta' fishing expedition sabiex jara jekk hemmx xi prova li setgħat ma ġietx lilu magħrufa minn naħa tal-Prosekuzzjoni, iktar u iktar meta l-Pulizija Eżekuttiva iddikjarat tul il-proċess penali illi l-evidenza materjali li kellha f'idejha hija kollha għad-disposizzjoni tal-akkużat****. . .*

*. . . Illi din il-Qorti ordnat li jissejjaħ biex jixhed is-Supretendent Keith Arnaud fir-rigward ta' din l-evidenza li l-akkużat jikkontendi li hija materjali għal każ tiegħu u li tagħha huwa qiegħed jitlob id-disclosure. Illi wara li instemgħet din ix-xiehda, b'd-digriet tagħha tat-30 ta' Novembru 2021, (fols 834 et seq. (Vol 2)), kien deċiż illi:*

*"Fir-rigward tal-ezebizzjoni ta' intercettazzjonijiet telefonici, mix-xiehda tas-Supretendent Keith Arnaud moghtija quddiem il-Qorti fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2021, jidher illi l-Kummissarju tal-Pulizija ma ghandux dawn l-intercettazzjonijiet f'idejh billi dawn gew utilizzati mill-pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet ghaliex il-Kap tas-Servizzi tas-Sigurta' ippermettielu li dawn jinstemghu minnu sabiex iqies jekk kellhomx xi utilita' ghall-investigazzjoni. Fi kwalunkwe kaz jekk dawn l-intercettazzjonijiet ma sarux skont il-ligi, kwindi lanqas ma jistghu jkunu producibbli bhala prova fil Qorti."*

*Illi l-Qorti Kostituzzjonali iddeċidiet hekk f'rikors kostituzzjonali u konvenzjonali istitwit mill-akkużat stess b'referenza għal proċess penali pendenti fil-konfront tiegħu:*

***"Għalkemm kif ingħad huwa minnu li fi proċeduri kostituzzjonali hemm ammont ta' flessibilita` f'dak li jirrigwarda t-tmexxija tal-proċedura mill-Qorti, dan ma jfissirx li xi parti tista' tuża dawn il-proċeduri biex tagħmel fishing expedition u tottjeni l-produzzjoni ta' provi li mhumiex neċessarjament relevanti għall-proċeduri istitwiti minnha.***

***Inoltre', l-fatt li l-attur naqas milli jispjega x'inhi din l informazzjoni li huwa jgħid li hija relevanti, il-Qorti tinsab fl-impossibilita` li tiżen l-interess tal-appellant kontra l-interess pubbliku biex tiddetermina jekk dan huwiex każ fejn hija meħtieġa d-disclosure tad-dokumenti rikjesti minnu minkejja dak provdut mil-liġi."– Yorgen Fenech vs Kummissarju tal-Pulizija et– QK 18/07/2022.'***

Rat ukoll l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Dustin Bugeja vs Kummissarju tal-Pulizija et** deċiża fit-13 ta' Mejju 2024, fejn il-Qorti qalet:

*12. Fl-aggravju l-attur irriproduċa estratti mid-depożizzjoni tiegħu u ta' waħda mit-tfaljiet u għamel referenza għall-Artikolu 534AF tal-Kodiċi Kriminali li kien introdott bl-Att IV tal-2014 dwar id-dritt għall-aċċess għall materjal tal-każ.* ***L-ilment tal-attur li ma ngħatax smigħ xieraq, għandu jitqies billi jiġi kkunsidrat dak kollu li jkun sar fil-kors tal-proċess kriminali.*** *Il-provi ma jurux li waqt is-smigħ tal-kawża kriminali kien hemm xi prova li l-attur ma sarx jaf biha jew li sofra preġudizzju minħabba ż-żmien li fih sar jaf bil-provi li ressqet il-prosekuzzjoni.*

*13. Il-Qorti tfakkar ukoll li l-ilment kif spjegat fir-rikors promotur li bih l-attur fetaħ il-kawża, kien li huwa ma ngħatax aċċess għal kull dokument li kien jinsab fil-pussess tal-Pulizija matul il-kawża kriminali. L-atti tal proċeduri kriminali juru mod ieħor apparti li ma*

*ntweriex li kien hemm xi prova kruċjali li l-prosekuzzjoni naqset milli tressaq. Għalhekk li l-attur jilmenta li ma setax jiddefendi ruħu bl-aqwa mod possibbli u ġie ppreġudikat, hu l-bogħod ħafna mill-verità.*

Tqis ukoll dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-sentenza tagħha għall-kawża fl-ismijiet **Emmanuele Spagnol vs L-Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija** deċiża fil-31 ta' Mejju 2023:

*27. Il-Qorti tosserva illi anke llum il-ġurnata meta d-dritt għal disclosure jirriżulta mil-liġi nnifisha, xorta waħda mhuwiex meqjus li jekk tali disclosure ma jingħatax qabel l-interrogazzjoni allura dan awtomatikament jissarraf fi ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq kif donnu jargumenta l-appellant. Kif ġie spjegat mill-Qorti tal-Ġustizzija tal-Unjoni Ewropea fil-kawża ta' Kolev (C-612/15, 05/06/2018):*

*"84 Fir-rigward tal-mument li fih għandha ssir din il-komunikazzjoni u li fih għandu jingħata dan l-aċċess, l-Artikolu 6(3) u l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 2012/13 jipprevedu biss, rispettivament, li l-imsemmija komunikazzjoni għandha ssir "mhux aktar tard mit-tressiq tal-merti talakkuża quddiem il-qorti" u li l-imsemmi aċċess għandu jingħata "fiżżmien debitu biex ikun jista' jsir l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet taddifiża u mhux iktar tard mill-preżentazzjoni tal-merti tal-akkuża għall-eżami ta' qorti".*

*85 B'hekk, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 98 tal-konklużjonijiet tiegħu, dawn id-dispożizzjonijiet ma jirreferux għal data preċiża f'dan ir-rigward.*

*[…]*

*91 Din id-direttiva ma tirrikjedix li dan il-mument ikun identiku firrigward tal-komunikazzjoni ta' informazzjoni ddettaljata dwar l-akkuża u fir-rigward tal-aċċess għall-atti fil-proċess. Barra minn*

*hekk, limsemmi mument jista', skont iċ-ċirkustanzi tal-każ ineżami u t-tip ta' proċedura inkwistjoni, jippreċedi jew ikun simultanju għat-tressiq talkawża quddiem il-qorti, jew jista' jkun saħansitra wara tali tressiq.*

*92 Madankollu, l-imsemmi għan kif ukoll l-iżvolġiment tajjeb talproċedura jeħtieġu, bħala prinċipju u bla ħsara, jekk ikun il-każ, għal proċeduri speċjali jew issemplifikati, li l-imsemmija komunikazzjoni sseħħ u l-possibbiltà ta' aċċess għall-atti tingħata sa mhux iktar tard mill-mument li fih effettivament tibda t-trattazzjoni dwar il-fondatezza tal-akkuża quddiem il-qorti li tkun kompetenti sabiex tiddeċiedi dwar din il-fondatezza.*

*[…]*

*96 Fi kwalunkwe każ, f'kull wieħed mill-każijiet esposti fil-punti 92 u 93, fil-punt 94 kif ukoll fil-punt 95 ta' din is-sentenza, u irrispettivament mill-mument li fih tiġi kkomunikata l-informazzjoni ddettaljata dwar l-akkuża u li fih jingħata l-aċċess għall-atti talproċess, il-persuna li tkun is-suġġett ta' prosekuzzjoni u l-avukat tagħha għandhom b'mod partikolari, b'osservanza tal-prinċipju ta' kontradittorju u ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet, jingħataw terminu suffiċjenti sabiex jieħdu konoxxenza ta' din l-informazzjoni u ta' dawn l-atti, u għandhom jitqiegħdu f'pożizzjoni li jippreparaw iddifiża b'mod effikaċi, li jippreżentaw l-osservazzjonijiet li jista' jkollhom u, jekk ikun il-każ, li jressqu kwalunkwe talba, b'mod partikolari għal istruttorja, li huma intitolati jressqu taħt id-dritt nazzjonali. Kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 101 tal-konklużjonijiet tiegħu, dan ir-rekwiżit jeżiġi li l-kawża, jekk ikun hemm bżonn, tiġi sospiża u li jiġi ordnat iddifferiment tagħha għal data ulterjuri."*

*28. Kif ġie kkonsidrat aktar 'il fuq, ilmenti dwar ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq għandhom jiġu eżaminati fil-kuntest tal-proċeduri*

*relattivi fl-intier tagħhom, u ċjoè għandu jittieħed in konsiderazzjoni l-"overall fairness of the proceedings." Għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li minkejja li l-appellant ma ġiex mogħti aċċess għallprovi li kellha l-prosekuzzjoni qabel jew waqt li ġie nterrogat, l-appellant ingħata aċċess għal dawn il-provi matul il-kors tal-Istruttorja, u dan waqt li kien mgħejjun minn avukat tal-fiduċja tiegħu. Huwa relevanti li lappellant kellu l-opportunità skont il-liġi li jagħmel kontroeżami tax-xhieda kollha prodotti mill-prosekuzzjoni, u l-ebda allegazzjoni ma saret li lappellant ma ngħatax din l-opportunità, jew li ma ngħatax biżżejjed ċans sabiex jipprepara għal tali kontroeżamijiet. Lanqas ma jirriżulta li lappellant ma kellux biżżejjed żmien biex jipprepara jew jippreżenta ddifiża tiegħu. Għaldaqstant ma jirriżultax li l-fatt li ma kienx hemm disclosure qabel jew waqt l-interrogazzjoni tal-appellant ippreġudika b'xi mod id-drittijiet tad-difiża tiegħu u l-overall fairness of the proceedings.*

Tosserva wkoll l-insenjament tal-Qorti Ewropea fil-każ fl-ismijiet **Rowe and Davis vs The United Kingdom** deċiża fis-16 ta' Frar 2020, fejn il-Qorti qalet:

*60. It is a fundamental aspect of the right to a fair trial that criminal proceedings, including the elements of such proceedings which relate to procedure, should be adversarial and that there should be equality of arms between the prosecution and defence.* ***The right to an adversarial trial means, in a criminal case, that both prosecution and defence must be given the opportunity to have knowledge of and comment on the observations filed and the evidence adduced by the other party*** *(see the Brandstetter v. Austria judgment of 28 August 1991, Series A no. 211, pp. 27-28, §§ 66-67).* ***In addition Article 6 § 1 requires, as indeed does English law (see paragraph 34 above), that the prosecution authorities disclose to the defence all material***

***evidence in their possession for or against the accused*** *(see the Edwards judgment cited above, p. 35, § 36).*

*61. However, as the applicants recognised (see paragraph 54 above), the entitlement to disclosure of relevant evidence is not an absolute right. In any criminal proceedings there may be competing interests, such as national security or the need to protect witnesses at risk of reprisals or keep secret police methods of investigation of crime, which must be weighed against the rights of the accused (see, for example, the Doorson v. the Netherlands judgment of 26 March 1996, Reports of Judgments and Decisions 1996-II, p. 470, § 70). In some cases it may be necessary to withhold certain evidence from the defence so as to preserve the fundamental rights of another individual or to safeguard an important public interest. However, only such measures restricting the rights of the defence which are strictly necessary are permissible under Article 6 § 1 (see the Van Mechelen and Others v. the Netherlands judgment of 23 April 1997, Reports 1997-III, p. 712, § 58).* ***Moreover, in order to ensure that the accused receives a fair trial, any difficulties caused to the defence by a limitation on its rights must be sufficiently counterbalanced by the procedures followed by the judicial authorities*** *(see the Doorson judgment cited above, p. 471, § 72, and the Van Mechelen and Others judgment cited above, p. 712, § 54).*

*62.* ***In cases where evidence has been withheld from the defence on public interest grounds, it is not the role of this Court to decide whether or not such non-disclosure was strictly necessary since, as a general rule, it is for the national courts to assess the evidence before them (see the Edwards judgment cited above, pp. 34-35, § 34). Instead, the European Court's task is to ascertain whether the decision-making***

***procedure applied in each case complied, as far as possible, with the requirements of adversarial proceedings and equality of arms and incorporated adequate safeguards to protect the interests of the accused.***

*63.* ***During the applicants' trial at first instance the prosecution decided, without notifying the judge, to withhold certain relevant evidence on grounds of public interest. Such a procedure, whereby the prosecution itself attempts to assess the importance of concealed information to the defence and weigh this against the public interest in keeping the information secret, cannot comply with the above-mentioned requirements of Article 6 § 1****. Indeed this principle is recognised by the English case-law from the Court of Appeal's judgment in R. v. Ward onwards (see paragraphs 37 et seq. above).*

*64. It is true that at the commencement of the applicants' appeal, prosecution counsel notified the defence that certain information had been withheld, without however revealing the nature of this material, and that on two separate occasions the Court of Appeal reviewed the undisclosed evidence and, in ex parte hearings with the benefit of submissions from the Crown but in the absence of the defence, decided in favour of non-disclosure.*

*65. However, the Court does not consider that this procedure before the appeal court was sufficient to remedy the unfairness caused at the trial by the absence of any scrutiny of the withheld information by the trial judge. Unlike the latter, who saw the witnesses give their testimony and was fully versed in all the evidence and issues in the case, the judges in the Court of Appeal were dependent for their understanding of the possible relevance of the undisclosed material on transcripts of the Crown Court hearings and on the account of the issues given to them by*

*prosecuting counsel. In addition, the first-instance judge would have been in a position to monitor the need for disclosure throughout the trial, assessing the importance of the undisclosed evidence at a stage when new issues were emerging, when it might have been possible through cross-examination seriously to undermine the credibility of key witnesses and when the defence case was still open to take a number of different directions or emphases. In contrast, the Court of Appeal was obliged to carry out its appraisal ex post facto and may even, to a certain extent, have unconsciously been influenced by the jury's verdict of guilty into underestimating the significance of the undisclosed evidence.*

*66. **In conclusion, therefore, the prosecution's failure to lay the evidence in question before the trial judge and to permit him to rule on the question of disclosure deprived the applicants of a fair trial. The facts of the present case set it apart from that of Edwards cited above, where the appeal proceedings were adequate to remedy the defects at first instance since by that stage the defence had received most of the missing information and the Court of Appeal was able to consider the impact of the new material on the safety of the conviction in the light of detailed and informed argument from the defence** (op. cit., p. 35, §§ 36-37).*

*67. It follows that there has been a violation of Article 6 § 1 of the Convention.*

Kif ukoll, id-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Leas vs Estonia** deċiża fis-6 ta' Marzu 2012, fejn il-Qorti qalet:

*80. More specifically, Article 6 § 3 (b) guarantees the accused "adequate time and facilities for the preparation of his defence" and therefore implies that the substantive defence activity on his behalf may comprise everything which is "necessary" to prepare*

*the main trial.* ***The accused must have the opportunity to organise his defence in an appropriate way and without restriction as to the possibility to put all relevant defence arguments before the trial court and thus to influence the outcome of the proceedings*** *(see Connolly v. the United Kingdom (dec.), no.* [*27245/95*](#)*, 26 June 1996, and Moiseyev v. Russia, no.* [*62936/00*](#)*, § 220, 9 October 2008).* ***Furthermore, the facilities which should be enjoyed by everyone charged with a criminal offence include the opportunity to acquaint himself, for the purposes of preparing his defence, with the results of investigations carried out throughout the proceedings*** *(see C.G.P. v. the Netherlands (dec.), no.* [*29835/96*](#)*, 15 January 1997, and Foucher v. France, 18 March 1997, §§ 26-38, Reports 1997-II). The issue of adequacy of time and facilities afforded to an accused must be assessed in the light of the circumstances of each particular case (see Galstyan v. Armenia, no.* [*26986/03*](#)*, § 84, 15 November 2007, and Dolenec v. Croatia, no.* [*25282/06*](#)*, § 208, 26 November 2009).*

*81.* ***Failure to disclose to the defence material evidence which contains such particulars as could enable the accused to exonerate himself or have his sentence reduced would constitute a refusal of facilities necessary for the preparation of the defence, and therefore a violation of the right guaranteed in Article 6 § 3 (b) of the Convention (see C.G.P., cited above). The accused may, however, be expected to give specific reasons for his request (see Bendenoun v. France, 24 February 1994, § 52, Series A no. 284) and the domestic courts are entitled to examine the validity of these reasons*** *(see C.G.P., cited above; Natunen v. Finland, no.* [*21022/04*](#)*, § 43, 31 March 2009; and Janatuinen v. Finland, no.* [*28552/05*](#)*, § 45, 8 December 2009).*

*82. Turning to the present case, the Court notes that the applicant, claiming access to the surveillance file, mainly relied on two arguments. Firstly, he sought to establish whether the use of the surveillance measures had been lawful and, secondly, he argued that the principle of the equality of arms had required that he had the same opportunity as the prosecution to choose evidence from the surveillance file. Furthermore, it transpires from the applicant's arguments that he had certain concerns as to whether L. had in fact received instructions from the police, which would have amounted to unlawful surveillance and could have resulted in parts of the evidence being inadmissible.*

*83. The Court notes that despite the County Court's two rulings whereby the applicant's access to the surveillance file had been authorised, he was in fact only given access to information which had in any event been adduced as evidence by the prosecution. Additionally, he was given access to two surveillance authorisations which were later also added to the criminal case file.*

*84. Since the applicant was not given access to the remaining part of the surveillance file, the Court has to ascertain whether the decision-making procedure applied in the present case complied with the requirements of adversarial proceedings and equality of arms and incorporated adequate safeguards to protect the interests of the applicant.*

*85. The Court notes that in the Government's submission the County Court had examined the surveillance file and had thus been able to assess the lawfulness of the surveillance activities and the admissibility of the evidence obtained by surveillance. The Government mainly relied on the records of the County Court's hearings in this regard.*

*86. The applicant did not contest this argument. However, in his appeal to the Supreme Court he noted that he had been unaware during the proceedings before the County Court that the court had also examined the other surveillance materials, in addition to the surveillance authorisations, and that this had only been asserted by the prosecutor before the Court of Appeal.*

*87. The Court considers that the records of the County Court's hearings of 12 February and 15 October 2007 are indeed open to different interpretations as to the extent to which it had examined the surveillance materials. The County Court's and the Court of Appeal's judgments do not add much clarity to this matter. Furthermore, the Court notes that the domestic courts gave no clear reasons as to why it had been acceptable for the applicant to have been denied access to the undisclosed information in the surveillance file. Indeed, the Court recalls that the County Court initially authorised such access – an authorisation which was not fully complied with by the police – whereas the Court of Appeal in its judgment, on the one hand, considered that there was no reason to overload the criminal case file with irrelevant information, and, on the other hand, referred to the secrecy of the surveillance materials. However, the Court considers that these observations by the Court of Appeal were of a general nature, as it does not appear and it has not been argued that the appellate court itself examined the surveillance file.*

*88. The Court finds that the present case is different from, for example, the above-cited cases of Fitt and Jasper, where the Court was satisfied that the defence were kept informed and were permitted to make submissions and participate in the decision-making process as far as possible and noted that the need for disclosure was at all times under the assessment of the trial judge, providing a further, important, safeguard. In those cases the Court*

*found no violation under Article 6 § 1.* ***In the present case, in contrast, the applicant only retroactively learned from the prosecutor that the County Court had examined the surveillance materials. Moreover, he was neither informed of the reasons for non-disclosure nor of the nature of the undisclosed materials nor, indeed, of whether the surveillance file did include any undisclosed material evidence. The Court considers that the procedure followed by the judicial authorities in the present case failed to adequately counterbalance the difficulties caused to the defence by its restricted access to the surveillance materials. The defence were not informed in an adequate manner of the County Court's position on why it had been strictly necessary to restrict their rights and they had no possibility of presenting their counterarguments to any such considerations. The Court also takes note, in this regard, of the Supreme Court's subsequent case-law, according to which a trial court, even if it was prevented from disclosing materials in a surveillance file, may disclose its opinion on the lawfulness of the surveillance, which opinion must be recorded in the record of the hearing and, if necessary, in a judgment.***

*89.* ***Moreover, the Court observes in this context that the County Court initially did authorise the applicant's access to the surveillance file – implying that it found no reasons to restrict such access and considered it to be of some importance for the defence – but failed to take adequate measures to ensure compliance by the investigating authorities with its orders. Nor was this issue of non-compliance subsequently addressed in the judgements of the domestic courts.***

> *90. In these circumstances, the Court does not consider that the procedure employed to determine the issue of disclosure of evidence complied with the requirements to provide adversarial proceedings and equality of arms or incorporated adequate safeguards to protect the interests of the accused. It follows that there has been a violation of Article 6 of the Convention in this respect.*

Finalment tosserva wkoll id-deċiżjoni tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet **Foucher vs France** deċiża fit-18 ta' Marzu 1997, fejn il-Qorti qalet:

> *34. The Court reiterates in this connection that* ***according to the principle of equality of arms, as one of the features of the wider concept of a fair trial, each party must be afforded a reasonable opportunity to present his case in conditions that do not place him at a disadvantage vis-à-vis his opponent*** *(see, in particular, the Bulut v. Austria judgment of 22 February 1996, Reports 1996-II, pp. 380-81, para. 47).*
>
> *35. In the instant case, three considerations are of crucial importance.*
>
> *Firstly, Mr Foucher chose to conduct his own case, which he was entitled to do both under the express terms of the Convention and under domestic law (see paragraph 17 above). The Court's reasoning in the cases of Kamasinski and Kremzow to the effect that it is not incompatible with the rights of the defence to restrict the right to inspect the court file to an accused's lawyer does not therefore apply (see the Kamasinski v. Austria judgment of 19 December 1989, Series A no. 168, p. 39, para. 88, and the Kremzow v. Austria judgment of 21 September 1993, Series A no. 268-B, p. 42, para. 52).*

*Secondly, as the applicant had been committed directly for trial in the police court without a preliminary investigation, the question of ensuring the confidentiality of the investigation did not arise.*

*Lastly, the applicant's conviction by the Caen Court of Appeal was based solely on the game wardens' official report, which, under Article 537 of the Code of Criminal Procedure (see paragraph 16 above), was good evidence in the absence of proof to the contrary.*

*36. The Court, like the Commission, therefore considers that* ***it was important for the applicant to have access to his case file and to obtain a copy of the documents it contained in order to be able to challenge the official report concerning him.***

*As the Argentan Police Court rightly said, "the defendants should have been allowed access to their case file in order to prepare their defence [as] the value of such access is sufficiently demonstrated by the use legal representatives make of it ..." (see paragraph 10 above).*

***As he had not had such access, the applicant had been unable to prepare an adequate defence and had not been afforded equality of arms, contrary to the requirements of Article 6 para. 1 of the Convention taken together with Article 6 para. 3 (art. 6-3+6-1).***

*37. Finally, the Court notes that the Court of Cassation itself, subsequent to its ruling of 15 March 1993 in the present case (see paragraph 15 above) reversed its previous case-law concerning communication of the documents from a file where the defendant has already been sent for trial. In a judgment of 12 June 1996 (see paragraph 21 above) it held:*

*"Everyone charged with a criminal offence thus has the right, under Article 6 para. 3 (art. 6-3) of the European Convention for the Protection of Human Rights and Fundamental Freedoms, not*

*to the immediate communication of the documents on the file but to the release, at his expense and, where appropriate, acting through his lawyer, of copies of the documents submitted to the court he has been summoned to appear before...."*

*38. Regard being had to all the circumstances of the case, the Court finds that there has been a violation of Article 6 para. 1 of the Convention taken together with Article 6 para. 3 (art. 6-3+6-1).*

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi fis-sentenza taghha tat-13 ta' Frar 2017, il-Qorti Kostituzzjonali, fil-każ **Il-Pulizija vs Clayton Azzopardi**, qalet hekk:

*21, Hu paċifiku li sabiex jiġi żgurat il-prinċipju tal-equality of arms lakkużat irid ikollu tagħrif tal-provi li ser jinġiebu kontrieh sabiex iħejji ddifiża tiegħu. Dan hu ċentrali f'sistema penali sabiex jiġu żgurati lġustizzja u s-smigħ xieraq.*

*22. Madankollu fil-każ tallum ma jirriżultax li l-attur ma kellux aċċess għallprovi miġbura fl-istadju tal-kumpilazzjoni jew li ma kellux dritt li jagħmel kontro-eżami tax-xhieda prodotti, jew li ma kellux aċċess għad-dokumenti esebiti. Inoltre fil-kors tal-kumpilazzjoni kellu d-dritt skont il-liġi li jobbliga lill-pulizija tipproduċi d-dokumenti relevanti kollha fil-pussess tagħha.*

*23. Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu, u meqjusa wkoll il-proċeduri kriminali kontrih sal-lum il-ġurnata, din il-qorti ma tistax tikkonkludi li l-attur ġarrab preġudizzju hekk li ma setax iħejji difiża xierqa għallakkużi miġjuba kontrieh.*

Ukoll, din il-Qorti diversament preseduta, fil-każ **Raymond Bonnici vs Avukat Ġenerali et** deċiża fid-29 ta' Marzu 2017, qalet hekk:

*Il-Qorti ssib li dan l-ilment mhuwhiex gustifikat. Tenut kont li dawn il-proceduri gew intavolati meta dawk penali kienu diga' gew konkluzi, r-rikorrent kellu jkun f'pozizzjoni li jindika b'mod konkret liema kienet dik l-evidenza li se mai ma ngibietx a konoxxenza tieghu mill-prosekuzzjoni. Prova li ma saritx. Inoltre' lanqas ma ngiebet xi prova mir-rikorrent li jekk kien hemm evidenza li nzammet mistura minnu, din kellha twassal ghal ezitu differenti minn dak li waslu ghalih il-Qrati ta' gudikatura kriminali.*

Ulterjorment, fil-każ **Graziella Attard vs Avukat Ġenerali** deċiża minn din il-qorti diversament preseduta fis-27 ta' Frtar 2018, ingħad hekk:

*"Fil-ġudizzju esteru mogħti mis-Supreme Court fil-kawża McInnes v. Her Majesty's Advocate tal-10 ta' Frar 2010 ġie espress mill-qorti dan il-ħsieb: li l-eżami ta' preġudizzju soffert minħabba lack of disclosure ta' xiehda għandu jsir wara l-outcome finali tal-proċeduri penali, it-test użat huwa dak li l-materjal ikkonċernat setax kien tax-natura "which either materially weakens the Crown case or materially strengthens the case for the defence"; dana għandu jirriżulta fi preġudizzju għad-difiża b'mod tali li dana lmaterjal mhux disclosed kien iwassal għal possibiltà reali ta' acquittal."*

*Illi l-lanjanza tar-rikorrenti hija fis-sens li tali mankanza ta' disclosure wassal ghall-pregudizzju reali fil-konfront taghha minghajr, izda, ma tipprecizax fejn sofriet tali pregudizzju hlief li tghid li kellha dritt personalment jew tramite l-avukat taghha li jkollhom id-dokumenti essenzjali biex jikkontestaw l-arrest jew id-detenzjoni taghha. Madanakollu xejn minn dan jidher li gie sollevat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Struttorja.* ***Fic-cirkostanzi dan l-ilment ma jirrizultax li ghandu jigi ezaminat in vacuo billi tali jedd kif sancit fl-artikolu 6(3)(b) jirreferi ghall-***

> ***jedd tal-akkuzat filpreparazzjoni tad-difiza tieghu u, kwindi, taqbel li dan iljedd ghandu jigi ezaminat fil-qafas tal-proceedings as a whole kif, de resto, jemani mill-iskorta tal-gurisprudenza citata ante.***

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Magħrufa allura dawn l-insenjamenti u skorta vasta ta' ġurisprudenza, il-Qorti sejra issa tapplika dan it-tagħlim għall-każ odjern u l-fatti kif hawnhekk jirriżultaw.

Il-Qorti tibda biex tirreferi għal dak li jirriżulta mill-affidavit tar-rikorrent u tqis illi r-rikorrenti qed jibbaża l-ilment tiegħu prinċipalment fuq il-fatt illi (a) huwa ma ngħatax kopja ta' *statement* li kien ta hu stess lill-Pulizija xi żmien qabel u (b) sussegwentament, illi kien ġie esebit statement ta' terza persuna, preċizament Joseph Mary Farrugia, li kien jinsab fl-atti ta' proċeduri li kienu ġew determinati fil-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imħallef Consuelo Scerri Herrera, liema atti ġew esebiti fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu u li ma kellux kopja tagħhom qabel.

Dwar dawn iż-żewġ dokumenti, is-Supretendent James Grech kien ċar ħafna fid-depożizzjoni tiegħu (5.07.2023). Filwaqt illi ċaħad b'mod kategoriku illi l-Pulizija kienet qed taġixxi b'xi pika jew b'nuqqas, fir-rigward tal-istqarrija ta' l-istess rikorrenti huwa essenzjalment jgħid illi r-rikorrenti kien ingħata original tal-istqarrija tiegħu stess meta din saret, u l-Pulizija ma kienet taħti xejn jekk hu stess kien tilifha. Jispjega illi wara d-deċiżjoni tac-*challenge proceedings* mill-Qorti tal-Appell ma kienx hemm neċessita' illi r-rikorrenti jerġa' jiġi arrestat. Jgħid ulterjorment u forsi aktar importanti, illi kien hemm qbil mal-uffiċju tal-Avukat Ġenerali illi qed imexxi l-prosekuzzjoni hu - illi in linea ma' ġurisprudenza kostanti, dan l-istatement ma jiġix ippreżentat peress "*illi illum il-gurnata kollha qed jigu sfilzati*".

Fir-rigward tal-istqarrija ta' Joseph Mary Farrugia, is-Supretendent Grech jgħid illi din l-istqarrija ma setgħetx tintuża' fil-proċeduri kontra r-rikorrenti,

peress illi dan Farrugia kien ko-awtur u allura kellu jkun ko-imputat u allura ma jixhidx, u fi kwalunkwe każ, kien ġie nieqes u allura *statement* tiegħu ma setgħetx tinġieb bħala prova, "*mhux minhabba pika, imma minhabba li semplicmennt ma hix prova. Issa li jaf x'qal persuna li llum mejjet u mhux ser jixhed, x'sens fih? Ma tistghax tintuza*". Jenfasizza illi x-xhud kellu jixhed viva voce imma kien mejjet – għalhekk l-istqarrija tad-decujus Farrugia ma kellha ebda valur.

In kontro-eżami, is-Sur Grech jikkonferma illi fil-bidu tal-proċeduri penali kontra r-rikorrenti ġew esebiti xi dokumenti illi ma kienx ġew *disclosed* qabel, iżda liema dokumenti kienu rrelevanti għal każ penali kontra r-rikorrenti. Għaliex filwaqt illi sostna illi fid-*disclosure* jingħataw dak li l-prosekuzzjoni setgħet tippreżenta bhala prova, dak li ngħata wara d-digriet ta' din il-Qorti, ma kienx ser jiġi esebit bi prova u jikkonferma illi kull evidenza materjali li kellha f'idejha il-Pulizija ġiet mgħoddija, filwaqt illi fakkar illi t-talba tar-rikorrenti għad-*disclosure* ġiet wara illi l-istess rikorrenti kien notifikat bl-akkużi.

Magħmul ċar l-apprezzament tal-provi mressqa, il-Qorti trid qabel xejn tqis illi din il-kawża ġiet intavolata fit-3 ta' Jannar 2023, appena fl-istadju tassew inizjali tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja. Ukoll, illi sakemm din il-kawża tħalliet għad-deċiżjoni, addirittura l-Prosekuzzjoni kienet għadha qed tressaq il-provi tagħha u ċertament illi l-proċeduri kriminali jistgħu jitqiesu fażijiet inizjali tagħhom.

Huwa għalhekk illi l-Qorti tqis illi għandha mis-sewwa l-eċċezzjoni mressqa mill-intimati fis-sens illi din l-azzjoni tista' titqies illi hija prematura u intempestiva. Ċertament illi din il-Qorti illum mhix f'pożizzjoni illi tikkunsidra l-ilmenti tar-rikorrenti fil-kuntest tal-"*overall fairness of the proceedings*".

Mingħajr preġudizzju għal dan pero', il-Qorti tqis ukoll illi l-uffiċjal prosekutur kien ċar ħafna fid-depożizzjoni tiegħu quddiem din il-Qorti, fis-sens illi ż-żewġ stqarrijiet, dik tar-rikorrenti u dik ta' John Mary Farrugia - li jidher mill-apprezzament tal-provi hawnekk magħmul illi huma d-dokumenti l-aktar li

hemm kwistjoni fuqhom fil-kuntest tad-dritt ta' *disclosure* - ma kinux ser jitressqu bi prova tal-prosekuzzjoni għar-raġunijiet minnu msemmija, u għalhekk, anke ġja la darba l-proċess penali għadu pendenti, ma hemmx dubbju illi r-rikorrent jista', jekk ikun neċessarju u opportun, jitlob rimedju quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja f'każ illi jirriżulta mod ieħor. Fuq kollox hija dik il-Qorti illi għandha s-setgħa tiddeċiedi jekk tali evidenza hix jew għandiex tkunx ammissibbli jew le.

Finalment, fir-rigward tal-ilment tar-rikorrent in kwantu jilmenta illi kien preġudikat meta l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ddeċidiet il-*prima facie*, il-Qorti tqis illi hemmek ma sar ebda ġudizzju għaliex id-determinazzjoni ta' dawk l-akkużi fil-konfront tar-rikorrenti, ossia jekk hemmx ħtija o meno, issir fil-ġudizzju finali ta' dik il-Qorti u għalhekk għad trid issir fis-sentenza finali. Ulterjorment, il-Qorti tinnota illi fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2022 sar il-bidu tal-kontro-eżami ta' Keith Said, il-*complainant*, u saret anke t-trattazzjoni tad-difensuri qabel ma' l-Qorti għaddiet għad-digriet tagħha dwar il-*prima facie*.

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, wara illi eżaminat il-provi mressqa u rat l-atti kollha u għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha kif hawn fuq espress, qed tgħaddi sabiex tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-intimati, tilqa' l-eċċezzjoni tal-istess intimati kif espressa fil-ħames paragrafu tar-Risposta tagħhom u tiddikjara l-proċeduri odjerni intempestivi u konsegwentament tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti.

Bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrent.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**